MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 527/2003

**Avviz numru 527/03DM**

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Penza Construction Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta, sabiex ihallsu d-dannu kkagunat mill-kumpanija konvenuta lil 'High Tension Cable' proprjeta' tal-korporazzjoni attrici fil-21 ta' Marzu, 2002, f'Salina Roadm Ta' l-Ghallies l/o Naxxar, u jammonta ghal erba' t'elef, mitejn u erbgha liri Maltin u disghin centezmu (Lm4,204.90).
Bl-ispejjez tal-avviz, u bl-imghax mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccipew illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li ma huwiex minnhu illi s-socjeta’ esponenti kkagunat il-hsara jew id-danni kif pretizi mill-korporazzjoni attrici fil-proceduri odjerni ;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma daqstant infondati fil-fatt u fid-dritt billi, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-gbir f’din il-kawza, il-‘cable’ in kwistjoni kien jinsab fi stat ta’ deterjorazzjoni qawwija u kien jirrikjedi li jinbidel b’urgenza;
3 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma daqstant infondati fil-fatt u fid-dritt billi, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament f’dawn il-proceduri, il-hsara u d-danni pretizi mill-korporazzjoni attrici huma attribwibbli unikament ghall-agir u ghan-negligenza tal-istess korporazzjoni attrici ;
4 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma fi kwalunkwe kaz ezagerati.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat illi:-

In sostenn tat-talba taghhom l-atturi pproducew bhala xhieda lil Charles Fenech u lil Reuben Borg ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni taghhom illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni kkagunati lilhom minhabba il-hsarat ikkawzati fil-‘cable’ dovuti ghax-xoghol maghmul mill-konvenuti li ma kienx skond l-arti u s-sengha, waqt li pproducew lil Ian Vella u lill-Karl Galea bhala xhieda sabiex jistabbilixxu l-*quantum* tad-danni li allegaw illi soffrew.

Ghal dak li jirrigwarda il-kwistjoni ta' r-responsabbilita' Charles Fenech, li huwa 'senior principal distribution technical officer' mal-kumpanija attrici, allega illi sakemm il-'cable' kien gie mikxuf mill-impjegati tal-kumpanija konvenuta, huwa kien issorvelja l-hin kollu dan ix-xoghol u setgha jikkonstata illi, meta dan il-'cable' kien tnehha minn go l-art u kien gie mdendel fuq **'pegs'** taht l-istruzzjonijiet tieghu, dan il-'cable' ma kellu ebda hsarat fuqu u illi x-xoghol ta' l-iskavar u tat-tnehhija tal-'cable' u ta' kif gie mdendel ma l-'pegs' bil-hbula kien sar kollu skond l-arti u s-sengha.

Infatti Charles Fenech isostni illi meta l-'cable ' kien tnehha minn fejn kien mirdum u ttella' halli jkun jista' isir ix-xoghol, dan il-'cable' kien ghadu *fi stat tajjeb hafna*, infatti kien ghadu ghaddej l-kurrent elettriku minn go fih.

Ghalhekk il-Korporazzjoni mhiex qed tallega illi dan il-'cable' kien gie milqut meta kien qed isir ix-xoghol ta' l-iskavar biex dan il-'cable' jinqalgha u jiddendel, izda qed issostni illi waqt li dan il-'cable' kien ghadu mdendel ghal dak il-perjodu taz-zmien sakemm il-konvenuti lestew il-'culvert' illi kienu qed jaghmlu, dan il-'cable' kien gie milqut b'xi ngenji ghaliex l-istess Charles Fenech, kif ukoll ix-xhud l-iehor Reuben Borg, kienu kkonstataw illi f'dik il-parti li kienet mikxufa kien hemm sinjali ta' xi daqqiet jew qarsiet.

Ghalhekk il-prova li hija rikjesta mill-kumpanija attrici sabiex tista' tirnexxi t-talba taghhom hija prova illi l-'cable' illi kien gie maqlugh u mdendel mill-kumpanija konvenuta kien fi stat tajjeb hafna kif qed isostni Charles Fenech, illi dik il-hsara illi giet irriskontrata meta l-impjegati tal-Korporazzjoni attrici marru biex jergghu jpoggu l-'cable' f'postu ma kienitx hemm qabel ma l-'cable' kien inqala u mdendel, illi dik il-hsara giet ikkawzata minn impjegati jew haddiema mqabbda mill-kumpanija konvenuta, u illi l-hsara riskontrata kienet tezigi bilfors illi, minnflok issir riparazzjoni kif soltu jsir, tinbidel medda shiha ta' 'cable' ta' madwar mitejn u hamsin metru (250m) kif jallega l-Perit Stuart Azzopardi.

Ghandu f'dan ir-rigward jinghad mill-ewwel illi l-fatt biss illi l-impjegati ta' l-Enemalta minghajr ma ghamlu t-'tests' ezawrijenti fuq il-'cable' sabiex jaraw jekk dan il-'cable' kienx effettivament verament iddannegjat jew le, kienu ddecidew mill-ewwel illi jaghmlu 'cable' gdid ghall-medda sostanzjali, dan huwa ndikattiv illi l-'cable' in kwistjoni illi kienu nehhew il-konvenuti ma kienx 'cable' fi stat tajjeb izda kien 'cable' illi l-istat tieghu kien jissugerixxi li, minghajr ebda dilungar, mill-ewwel kellhu jinbidel ma wiehed gdid.

Infatti l-istess Charles Fenech jkompli jghid illi ttiehded id-decizjoni li jsir 'cable' gdid ghaliex il-'cable' kien instab issa *fi stat hazin hafna* fi kliemu stess.

Il-Qorti ma tistghax tifhem kif minn 'cable' fi stat tajjeb hafna isir 'cable' fi stat hazin hafna minhabba biss xi daqqiet li rriskontra Charles Fenech jew qarsiet li rriskontra Reuben Borg u meta l-istess xhieda lanqas ma setghu jistabbillixxu jekk dawn kienux qed jaffettwaw il-funzjonament regolari ta l-'cable'.

Inoltre ghandu jigu wkoll innotat ukoll illi Charles Fenech li kien intrabat li jipprezenta r-ritratti ta' kif sab il-'cable' bil-qarsiet fuqhom baqa' ma pprezenta l-ebda wiehed minn dawn ir-ritratti.

Ghalhekk il-Qorti ssib li ma hux verosimili illi d-decizjoni li jinbidel il-cable kienet dovut biss ghal xi daqqiet riskontrati, li del resto ma jirrizultax li kienu oltre min daqqiet superficjali, tenut kont ukoll ta' l-ispiza sostanzjali involuta.

Minn naha l-ohra l-konvenuti mhux biss jikkontestaw enfatikament illi huma ma kkawzaw ebda hsara fuq dan il-'cable', izda jsostnu ukoll anke permezz tad-deposizzjoni tal-Perit Stuart Azzopardi u tal-Foreman Martin Farrugia, illi wara li kien tlesta x-xoghol li kellhom jaghmlu u l-'culvert' kien lest minn kollox, il-Korporazzjoni ta' l-Enemalta kienet halliet il-'cable' imdendel u espost mhux biss ghall-elementi izda ukoll ghal xi azzjoni rregolari ta' xi terza persuna ghal zmien twil u, skond il-Perit Azzopardi,

ghall-perjodu ta' kwazi sentejn; inoltre meta, kif jsostnu l-atturi, gew irriskontrati il-hsarat allegati, l-atturi b'ebda mod ma kkomunikaw ma' xi rapprezentanti tal-kumpanija konvenuta qabel ma hadu d-decizjoni illi jissostitwixxu l-'cable' in kwistjoni u b'hekk eliminaw il-possibilita' li tista' ssir konstatazzjoni serja anke mill-konvenuti ukoll ta' dak li kienu qed jallegaw l-atturi.

Inoltre l-konvenuti u x-xhiedha minnhom prodotti, jsosstnu, minghajr ma gew ikkontestati, li l-cable mibdul kien wiehed antik ferm u, stante l-istat ta deterjorazzjoni tieghu, la kien gie digia' maqlugh ma kienx suggerit li jerga jsir ix-xoghol biex jerga jintradam.

Ghalhekk mill-provi prodotti definittivament ma tirrizultax prova sodisfacenti li dan il-'cable' kellu xi daqqiet jew qarsiet fuqu illi ma kienux gia ezistenti anke meta dan kien gie mdendel taht is-sorveljanza ta' l-atturi jew almenu li dan il-cable instab fi stat ghar milli kien meta gie mikxuf.

Lanqas ma jirrizulta li ngiebu provi sodisfacenti anke ghar-rigward ta' l-allegazzjoni li kienet il-kumpanija konvenuti bil-fors risponsabbli ghal-hsarat li l-atturi jallegaw illi gew riskontrati fil-'cable' li gie mibdul; anzi jirrizulta nuqqas tal-istess atturi li, bix-xoghol ta'l-konvenuti tterminat, ghaliex kienu qed jghaddu l-provvista ta kurrent elettriku b'mezzi ohra, kienu hallew il-cable mikxuf u mdendel u espost ghal kull att abusiv ta terzi ghal zmien twil minghajr ebda raguni valida,

Ghal dawn il-mottivi ssib illi t-talba attrici ma tirrizultax gustifikata u konsegwentement fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijet tal-konvenuti, qeghda tichad it-talba attrici,

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------